

Brussell, 24 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0203(COD)

11795/2/23
REV 2

CODEC 1360
ENER 445
ENV 846
TRANS 311
ECOFIN 770
RECH 353
CLIMA 353
IND 390
COMPET 759
CONSOM 280

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2021².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2022³.

¹ Dokumenti 10745/2/21 REV 2 + 10745/21 ADD 1 REV 1 + ADD 2 sa 8.

² ĠU C 152, 6.4.2022, p. 134.

³ ĠU C 301, 5.8.2022, p. 139.

4. Fil-11 ta' Lulju 2023 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 15/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Finlandja, il-Polonja u l-Ungerija jivvutaw kontra u l-Belġju, il-Latvja, il-Portugall u s-Slovakkja jastjenu.
6. Jekk ma jkun hemm ebda laqgħa tal-Kunsill bi kworum qabel is-26 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni) kif tidher fid-dokument PE-CONS 15/23.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Dokument 11456/23.